MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 79/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Brian Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Brian Muscat talli fl-10 ta' Novembru 1996 ghall-habta ta' 8.00 pm wettaq serq ta' diversi oggetti mill-fond No. 161 Dockyard Street, Paola ghad-detriment ta' Carmen Brincat, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix Lm1000 u bil-lok;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Marzu 2008, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 31, 261, 263, 267, 269 u 278 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-

imsemmi Brian Muscat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal erbatax-il (14) xahar prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Brian Muscat ipprezentat fil-25 ta' Marzu 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermha ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' sejbien ta' htija, thassarha fil-parti li ghandha x'taqsam mal-piena karcerarja nflitta fuqu u minflok tissostitwiha b'piena ohra li ma tkunx wahda ta' piena karcerarja effettiva izda wahda li tkun taghmel aktar ghall-kaz;
Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan hu appell mill-piena. L-appellant jilmenta dwar it-trapass taz-zmien bejn meta gie kommess id-delitt u meta gie ssentenzjat u jsostni li llum huwa bniedem riformat. Huwa jispjega l-aggravji tieghu hekk:

"1. Illi t-trapass ta' zmien bejn meta gie kommess id-delitt u meta l-esponent gie ssentenzjat kien wiehed twil ferm u li certament jikkwalifika ghal ksur fil-konfront ieghu tad-disposizzjonijiet rilevanti dwar id-Drittijiet tal-Bniedem misjuba fil-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll fil-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u dan specjalment ghal dik illi l-process ghandu jsir fi zmien ragonevoli. F'dan il-kaz, li ma kienx wiehed ikkumplikat, certament li jista' jinghad li t-tul tal-process kien wiehed irragjonevoli.

2. Illi hu veru illi mill-fedina penali aggornata tal-esponent, sakemm inghatat is-sentenza odjerna, hajtu ma kinitx xi wahda ezemplari. Madankollu sakemm gie kommess id-delitt oggett ta' din il-kawza, ir-reati kommessi mill-esponent kienu jirrigwardaw imgieba skorretta u sewqan ta' vettura kontra l-ligi. L-ewwel reat ta' serq li gie misjub hati tieghu u li dwaru kien gie moghti sentenza sospiza kie gara fl-14 ta' Novembru 1996, inqas minn gimgha mill-kaz odjern, u l-ahhar wiehed fid-9 ta' Ottubru 1999.

3. Illi mill-ahhar reat kommess fid-9 ta’ Ottubru 1999, u ghalhekk ghal aktar minn tmien (8) snin, l-esponent ma kisirx difrejh mal-ligi la b’konnessjoni ma’ reati ta’ serq u lanqas b’konnessjoni ma’ xi reati ohra.

4. Illi fil-fatt minn dakinhar illi gie kommess id-delitt oggett ta’ din il-kawza l-esponent irriforma ruhu u ghalhekk ma jkunx ta’ gid la ghas-socjeta` u lanqas ghall-esponent illi l-esponent jigi kkundannat ghal perijodu ta’ prigunerija effettiva specjalment tenut kont tar-riforma tal-esponent u tat-trapass taz-zmien bejn il-kommissjoni ta’ dan id-delitt u d-data tas-sentenza appellata.”

Dwar il-kwistjoni tat-trapass taz-zmien, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v Nikola Farrugia et** moghtija fit-2 ta’ Ottubru 2002 qalet hekk:

**“Issa apparti li kif gie spjegat aktar ‘il fuq f’din is-sentenza l-appellanti jew uhud minnhom kienu huma stess il-kagun ta’ parti miz-zmien li fih twal il-process, il-fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` kriminali tal-hati (ara: Ir-Repubblika ta’ Malta vs Joseph Attard (24.7.2000) u Ir-Repubblika ta’ Malta vs Joseph Attard u Angelo Attard (24.7.2000)).**

**Jista’ pero` f’xi kazi jigi konsidrat ghall-fini tal-piena kif gie ritenut fil-kazijiet appena citati u kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza ‘Il-Pulizija vs Geoffrey Azzopardi’ (29.1.2001) ghalkemm f’din l-ahhar sentenza l-konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti biex varjat il-piena ma kinux limitati biss ghal dik tat-trapass taz-zmien imma kienu wkoll bazati fuq motivazzjoni ohra.**

**Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista’ jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta’ piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex**

**jirriforma. Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess - kif gara f'dan il-kaz - u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra."**

Fil-kaz odjern jidher li d-dewmien inizjali kien dovut ghall-fatt li l-persuna li wettqet ir-reat in dizamina ma kinitx maghrufa. Is-serq sar fl-10 ta' Novembru 1996. Saret inkjesta magisterjali u l-process verbal intbaghat lill-Avukat Generali fit-3 ta' Lulju 1997. Fl-1 ta' Gunju 1998, wara li l-file gie mghoddi lill-Ispettur Dominic Micallef li kellem lill-Avukat Generali, il-process verbal gie rinvijat lill-Magistrat Inkwirenti mill-Avukat Generali b'talba sabiex l-impronti digitali li kienu gew elevati jigu komparati mar-records tal-impronti digitali tal-Pulizija. Fit-3 ta' Gunju 1998 gie mahtur P.S. 673 Joseph Mallia u fl-4 ta' Gunju 1998 P.S. Mallia pprezenta r-rapport tieghu fejn indika li rrizultawlu impronti ta' Brian Muscat. Fil-5 ta' Gunju 1998 il-Magistrat Inkwirenti rrinvija l-atti lill-Avukat Generali wara li kkonstata li hemm provi bizzejjed biex jittiehdu passi kriminali kontra l-imsemmi Brian Muscat. Sussegwentement l-Ispettur Micallef baghat ghal Brian Muscat li rrilaxxja stqarrija fit-23 ta' Gunju 1998 fejn cahad l-involviment tieghu. Il-proceduri kontra Brian Muscat gew inizjati bil-hrug tac-citazzjoni fis-6 ta' Ottubru 2000 u l-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) saret fit-22 ta' Novembru 2000. Sal-31 ta' Ottubru 2001 il-provi tal-prosekuzzjoni kienu tressqu kollha u l-kawza thalliet ghall-provi tad-difiza. Jigifieri l-proceduri sa hemm saru b'certa heffa. Minn hemm 'il quddiem pero` kien hemm sitt seduti fejn intalab differiment mill-prosekuzzjoni, ghalkemm f'erbgha minnhom ma jirrizultax li l-appellant deher. Izda saru diversi seduti ohra inutilment ghal ragunijiet li ma jistghux fil-maggor parti taghhom ma jigux attribwiti lill-appellant: fit-30 ta' Mejju 2002 l-appellant deher sprovvist mid-difensur tieghu Dott. Joseph Giglio; fit-18 ta' Settembru 2002 deher mill-gdid l-appellant sprovvist mid-difensur tieghu li kien imsiefer; fid-19 ta' Frar 2003 dehru l-partijiet kolha izda ma sar xejn u ma

nghatat l-ebda spjegazzjoni ta' dan fil-verbal relattiv; fil-25 ta' Gunju 2003 l-appellant deher assistit, il-prosekuzzjoni ghat-tieni darba ddikjarat li ma kienx fadlilha aktar provi u l-kawza regghet thalliet ghall-provi tad-difiza; fis-26 ta' Novembru 2003 l-appellant ma deherx u nhareg mandat ta' arrest fil-konfront tieghu; fil-25 ta' Marzu 2004 l-ufficjal prosekutur informa lill-Qorti li l-appellant ma kienx instab; fl-14 ta' Frar 2005, kwazi tliet snin u nofs wara li l-kawza kienet thalliet ghad-difiza l-ewwel darba, l-appellant informa lill-Qorti li kien ser jibdel lill-Avukat tieghu; fil-11 ta' Mejju 2005 la deher l-appellant u l-anqas l-ufficjal prosekutur; fis-26 ta' Jannar 2006 l-avukat il-gdid ta' l-appellant, Dott. Roberto Montalto, talab differiment sabiex jiehu konjizzjoni tal-process; fl-20 ta' Marzu 2006 l-appellant baghat certifikat mediku; fl-14 ta' Gunju 2006 l-appellant rega' ma deherx u mill-gdid inhareg mandat fil-konfront tieghu; hekk gara wkoll fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2006. F'dan l-istadju l-kawza giet assenjata lill-Magistrat Dott. Audrey Demicoli li appuntata ghad-19 ta' April 2007. Dakinhar l-appellant informa lill-Qorti li ma kellux mezzi biex ihallas avukat u talab li jkun assistit minn avukat ta' l-ghajnuna legali. Gie mahtur l-avukat Dott. Beppe Fenech Adami li ma deherx ghas-seduta sussegwenti tas-27 ta' Gunju 2007. Fit-18 ta' Ottubru 2007 l-appellant rega' ma deherx izda aktar tard il-Qorti giet infurmata minn P.C. 1491 Gino Demanuele li l-appellant kien ingab il-Qorti – il-verbal pero` ma jghidx ghaliex l-appellant ma ngabx quddiem il-Qorti biex tkun tista' ssir il-kawza. Il-kawza giet finalment trattata fit-3 ta' Dicembru 2007.

Minn dan kollu jidher li l-appellant ma jidhrix li kellu wisq ghaggla biex tigi deciza l-kawza tieghu. Ciononostante, il-fattur tat-trapass taz-zmien ittiehed in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha meta ddikjarat li hija *"kkunsidrat ukoll it-trapass ta' zmien minn mindu nbdew il-proceduri odjerni sakemm dawn waslu sabiex jigu decizi u jidhrilha li minhabba dan it-tul ta' zmien il-piena ghandha tkun aktar vicin il-minimu."* Ghalhekk din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha ghalfejn tikkunsidra dan il-fattur ulterjorment.

Dwar il-kondotta tieghu, l-appellant jghid li mill-ahhar reat kommess fid-9 ta' Ottubru 1999 huwa ma kisirx difrejh mal-ligi u rriforma ruhu. F'dan l-appellant mhuwiex korrett. Mill-fedina penali aggornata tieghu jirrizulta, almenu *prima facie*, li fl-4 ta' Dicembru 2003 instab hati dwar serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix Lm1,000, bil-lok u bil-hin, kif ukoll ta' hsara volontarja ta' izjed minn Lm50 izda mhux izjed minn Lm500 u li sar recidiv, u nghata *conditional discharge* ghal perijodu ta' tliet snin. Imbaghad fid-19 ta' Frar 2007 rega' nstab hati ta' serq ikkwalifikat bil-valur li jeccedi Lm100 izda anqas minn Lm1000, bil-mezz u bil-lok u ta' hsara volontarja li teccedi Lm50 izda ma teccedix Lm500 u li sar recidiv, u gie kkundannat prigunerija ghal perijodu ta' sena u tliet xhur.

Mill-fedina penali mbaghad jirrizulta li l-appellant diga` nghata *conditional discharge* erba' darbiet, tqieghed taht *probation* darbtejn, u nghata sentenza ta' prigunerija sospiza darbtejn – dan dwar varjeta` ta' delitti, inkluzi tentattiv ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku, serq ikkwalifikat u pussess tad-droga eroina minghajr awtorizzazzjoni.

Issa, il-piena applikabbli ghad-delitt hawn in kwistjoni hi dik ta' prigunerija ghal zmien minn hames xhur sa tliet snin u li ma tinghatax fil-*minimum*. Dan ifisser li l-piena ghandu jkun fiha ghall-anqas terz tad-differenza bejn il-*minimum* u l-*maximum* (artikolu 20 tal-Kodici Kriminali), f'dan il-kaz ghaxar xhur u ghaxart ijiem. Ghalhekk il-piena li mponiet l-ewwel Qorti hi certament vicin sew il-*minimum* u din il-Qorti, fic-cirkostanzi kollha mfissra, ma tarax li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni li ezercitat l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appella u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan li l-perijodu ta' prigunerija jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------